# San Girgor f'Għawdex

Tasal għajjiena l-ġilwa mill-irħula,
Liebsa kull lewn, ilbies lelliexi u ħlejju;
Wara titlob in-nies fin-newl mirfuda,
Tfewwaħ mnejn jimxu t-trieq b'riħet il-plejju.

U mitt salib ileqq mit-taraġ wiesa'
Tal-Katidral mis-skiet hekk bikri mqajjma
Li qalb l-agħjat, tmewwiġ l-irjus, il-ħamba
Taħseb fiż-żmien li mar li 'mar bil-lajma.

Għax hija tara, bħal uċuħ ta' dwejjaq,
L-iswar tal-belt kollha mġarrfin ma' dwarha;
Waqgħu l-palazzi u djar sbieħ tal-għonja
Kull fejn timraħ il-għajn tiċrit u ħsara.

U kollox, tgħid, hawnhekk jintemm, jinfena
Ħlief it-Twemmin li sewa l-mewt u d-dmija,
U jibqa' dejjem sħiħ minn sen'għal sena.

ĠORĠ PISANI

Għawdex.